**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Jason Calleja**
**Emanuel Calleja**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Calleja ta' 44 sena detentur tal-karta tal-identita 0401174M imwieled ġewwa Pieta nhar it-28 t' Awwissu 1974 iben Emanuel u Mary xebba Borg residenti fil-fond "Casa Casolani" Triq Sant Andrija Msida, u

Emanuel Calleja ta' 74 sena detentur tal-karta tal-identita 00889045M imwieled ġewwa Birkirkara nhar it-22 t' Ottubru 1944 iben Carmel u Giuseppa xebba Bigeni u residenti fil-fond 'Casa Casolani'Triq Sant' Andrija Msida

Akkuzati talli nhar il-15 ta' Marzu 2019, u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel gewwa Triq Sant' Andrija Msida f'razzett bin-numru tar-registrazzoni D043 b'diversi atti

maghmula minnhom fi zminijiet differienti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bhala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinatarji, trasportaturi, bejjiegha bl-imnut jew kull persuna ohra awtorizzata taht id-dispozizzjonijiet tal-Att 437 *(sic !!)* tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf tal-annimali jew prodotti medicinali veterinarji jew rapprezentanti ta' dawk il-persuni jew min kien inkarigat minn xi attivita' veterinarja privata, ma osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taht l-Att 437 li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, bhala persuni li kellhom jidentifikaw u jirregistraw annimali u jiddikjaraw caqliq tal-annimali li kienu taht ir-responsabilita' taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 35(1)(c))iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma hadux il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizguraw li l-htigijiet tal-annimal li kienu responsabbli ghalih jew li qablu li jiehdu hsieb, intlahqu hekk kif mehtieg bi prattika tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gieghltu annimali jsofru ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jzommu record ta' kull kura medika moghtija liema records ghandhom jinzammu ghal perjodu ta' mill-anqas tlett snin u ghandhom ikunu disponibbli ghas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b'xi mod ikun mitlub u dan bi ksur tal-punt 5, 6 tal-Skeda tal-L.S. 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jipprodvu lill-annimali protezzjoni minn kundizzjonijiet hziena tat-temp, predaturi u riskji ghal sahhithom u dan bi ksur tal-punt 12 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jipprodvu dieta sustanzjuza li tkun xierqa ghall-eta' u l-ispeci tal-annimali u li tinghatalhom fi kwantita' bizzejjed biex izzommuhom b'sahhithom u jissodisfaw l-bzonnijiet nutritivi taghhom u dan bi ksur tal-punt 14 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma kienx hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jingarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew u f'kull hin u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma kellhomx access ghall-ikel f'intervalli xierqa ghall-bzonnijiet fizjologici taghhom u dan bi ksur tal-punt 15 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-annimali ma kellhomx access ghall-provvista xierqa tal-ilma jew li tkun kapaci tissodisfa l-bzonnijiet ta' xorb taghhom permezz ta' mezzi ohra u dan bi ksur ta' punt 16 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-materjali wzati ghal bini ta' akkomodazzjoni tal-ghoggiela u partikolarment ta' kaxxi u tghamir li mieghu l-ghoggiela jista' jkollhom kuntatt ma ridux ikunu ta' hsara ghall-ghoggiela u riedu jkunu jistghu jitnaddfu sew u jkunu dizinfettati u dan bi ksur tal-punt 1 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-insulazzjoni, is-shana, u l-ventilazzjoni tal-bini ma kinitx tizgura li c-cirkolazzjoni tal-arja, il-livell tat-trab it-temperatura, l-umdita' relattiva tal-arja u l-koncentrazzjoni tal-gass jinzammu fil-livelli li ma jaghmlux hsara lill-ghoggiela u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela ma gewx spezzjonati mis-sid ta' lanqas darbtejn kuljum u kull ghogol marid u mwegga' ma giex ikkurat u dan bi ksur ta' punt 6 tal-Iskeda tal-LS. 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi il-fond, il-maqjel u t-tghamir ma tnaddafx tajjeb u ma giex dizinfettat u dan bi ksur tal-punt 9 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-art ma kinitx lixxa u ma tizloqx sabiex jevitaw li l-ghoggiela ma jweggawx u dan bi ksur tal-punt 10 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela ma kinux provduti dieta xierqa u addatata ghall-eta, toqol, imgieba u bzonnijiet fizjologici taghhom u dan bi ksur tal-punt 11 tal-Iskeda LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela ma gewx mitmugha darbtejn kuljum u dan bi ksur tal-punt 12 tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

17. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-akbar minn gimaghtejn ma kellhomx access ghall-kwantita' bizzejjed ta' ilma frisk u dan bi ksur tal-punt 13 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti taht l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

3. Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Gunju 2021.

5. Rat li dik is-sentenza giet dikjarata nulla permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tas-27 t' Ottubru 2022, li baghtet l-atti processwali lura lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skont il-Ligi.

6. Rat li b'ordni tal-Onorevoli Prim'Imhallef tal-14 ta' Dicembru 2022, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

7. Rat li fis-seduta tas-17 t'April 2024, id-difiza iddikjarat li mhux qed tezenta lil din il-Qorti milli terga' tisma l-provi, u li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghall-provi tal-Prosekuzzjoni.

8. Rat li fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kinietx harrket xhieda ghas-seduta tal-lum, u l-avukat difensur tal-imputati talbet li fic-cirkostanzi l-imputati "jigu liberati".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Kif diga inghad is-seduta tal-lum kienet intiza ghal-provi tal-prosekuzzjoni, u l-prosekuzzjoni kellha aktar minn seba' (7 ) xhur sabiex taghmel l-arrangamenti taghha sabiex ghas-seduta tal-lum jitressqu l-provi u x-xhieda.

10. Il-Qorti tosserva li nhar il-Gimgha 15 ta' Novembru 2024 l-Ufficjal Prosekutur intavola rikors fejn talab li s-seduta tal-lum tigi differita stante li kien ser isiefer fuq tahrig relatat max-xoghol tieghu. In vista tal-fatt li dan ir-rikors gie intalvolat effettivament lejliet il-kawza, stante li l-jumejn precedenti kienu s-Sibt u l-Hadd, u li din il-Qorti ma kellhiex dubbju li l-Ufficjal Prosekutur ilu jaf granet jekk mhux xhur li jrid isiefer, din it-talba giet michuda b'digriet moghti fil-15 ta' Novembru 2024 stess.

11. Jidher li dan nonostante, l-Ufficjal Prosekutur ghazel li jsiefer xorta wahda, u ghalkemm deher spettur iehor fis-seduta tal-lum minflok l-Ufficjal Prosekutur, dan l-ispettur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kinietx harrket xhieda ghas-seduta tal-lum.

12. Il-Qorti tifhem li t-talba tad-difiza fis-seduta tal-lum sabiex l-imputati *"jigu liberati"* tfisser effettivament li d-difiza qieghda titlob li din il-Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza taghha illum stess. Dan ghaliex il-kuncett ta' 'liberazzjoni' hu koncett legali w terminu li hu applikabbli biss fil-kompetenza civili. Din il-forma ritwalistika w dicitura nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hi applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza civili bl-artikoli 199 (2)(3) u 200 tal-Kapitolu 12 u hija procedura ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali. Di fatti, ma jirrizulta minn imkien li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif, per ezempju, huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-Artikoli tal-Kapitolu 12 elenkati fl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta' xiehda w provi.[1]

13. Il-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja, u kif diga inghad meta l-Prosekuzzjoni iddecidiet arbitarjament li ma tressaqx provi ghas-seduta tal-lum, hija kisret zewg digrieti ta' din il-Qorti – dak moghti fis-seduta precedenti tas-17 t'April 2024 fejn il-kawza giet differita ghal-lum ghall-provi tal-prosekuzzjoni u dak tal-15 ta' Novembru 2024, fejn it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal differiment tas-seduta tal-lum giet michuda. Min-naha l-ohra, l-imputati attendew ghas-seduta tal-lum, debitament assistiti mill-avukat difensur taghhom sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, kif kienu obbligati li jaghmlu.

14. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet, u cioe' minn banda wahda il-Prosekuzzjoni, li tista' tkun rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew mill-Avukat Generali, jew fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali, l-offiz jew kwerelant, u mill-banda l-ohra l-imputat. Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni, fil-kaz odjern rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva, iddecidiet arbitrarjament u bi ksur ta' zewg digrieti ta' din il-Qorti, li ma tressaqx provi, u ma tharrikx xhieda ghas-seduta tal-lum. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-Prosekuzzjoni effettivament irrinunzjat li tressaq provi f'dawn il-proceduri.

[1] Ara is-sentenza **Il-Pulizija vs Adrian Previ** deciza fil-5 ta' Gunju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri (*per* Imhallef Joseph Galea Debono).

15. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza illum stess.

16. In vista tal-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi biex tissustanzja l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati, l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom, u qieghda tilliberahom minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**